



---

*Dokument ta' sessjoni*

---

**A9-0437/2023**

14.12.2023

# RAPPORT

dwar il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE: il-protezzjoni u r-restawr tal-ekosistemi tal-baħar għal settur tas-sajd sostenibbli u reżiljenti  
(2023/2124(INI))

Kumitat għas-Sajd

Rapporteur: Niclas Herbst

**WERREJ**

	<b>Pàġna</b>
MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW .....	3
NOTA SPJEGATTIVA .....	17
POŻIZZJONI TAL-MINORANZA.....	19
ANNEX: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM.....	20
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP .....	21
INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI.....	29
VOTAZZJONI FINALI B’SEJĦA TAL-ISMIJET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI .....	30

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

### dwar il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE: il-protezzjoni u r-restawr tal-ekosistemi tal-baħar għal settur tas-sajd sostenibbli u reżiljenti (2023/2124(INI))

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-21 ta' Frar 2023 intitolata "Pjan ta' Azzjoni tal-UE: Niproteġu u nirrestawraw l-ekosistemi tal-baħar għal sajd sostenibbli u reżiljenti" (COM(2023)0102) (il-"pjan ta' azzjoni"),
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-12 ta' Lulju 2023 dwar il-komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Regġuni dwar il-pjan ta' azzjoni tal-UE: Niproteġu u nirrestawraw l-ekosistemi tal-baħar għal sajd sostenibbli u reżiljenti<sup>1</sup>,
- wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari, l-Artikolu 39 tiegħu dwar l-iżgurar ta' livell ġust ta' għajxien għall-komunitajiet agrikoli u tas-sajd, u l-Artikolu 5 tiegħu dwar il-prinċipju tal-proporzjonalità,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tan-NU bit-titlu "Transforming our world: the 2030 Aġenda for Sustainable Development" (Nittrasformaw id-dinja tagħna: l-aġenda 2030 għal Żvilupp Sostenibbli), adottata fis-Summit tan-NU dwar l-Iżvilupp Sostenibbli fi New York fil-25 ta' Settembru 2015, u b'mod partikolari l-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli (SDG) 14 tal-Aġenda 2030 tan-NU għall-Iżvilupp Sostenibbli, li jinkoraġġixxi l-konservazzjoni u l-isfruttament sostenibbli tal-oċeani, l-ibħra u r-riżorsi marini,
- wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Pariġi tat-12 ta' Diċembru 2015 u, b'mod partikolari, l-Artikolu 2(1)(b) tiegħu dwar l-adattament għall-impatti negattivi tat-tibdil fil-klima b'mod li ma jheddidx il-produzzjoni tal-ikel,
- wara li kkunsidra l-Ftehim skont il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar dwar il-Konservazzjoni u l-Użu Sostenibbli tad-Diversità Bijoloġika tal-Baħar ta' Żoni lil hinn mill-Ġurisdizzjoni Nazzjonali tad-19 ta' Ġunju 2023 (it-Trattat tan-NU dwar l-Ibħra Internazzjonali) u l-Qafas Globali tal-Bijodiversità ta' Kunming-Montreal,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE<sup>2</sup>,

<sup>1</sup> ĠU C 349, 29.9.2023, p. 127.

<sup>2</sup> ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22.

- wara li kkunsidra d-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma<sup>3</sup>,
- wara li kkunsidra d-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ambjent marin (Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina)<sup>4</sup>,
- wara li kkunsidra d-Direttiva 2014/89/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 li tistabbilixxi qafas għal ippjanar tal-ispazju marittimu<sup>5</sup> (Direttiva dwar l-Ippjanar tal-Ispazju Marittimu),
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2016/2336 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 li jstabbilixxi kondizzjonijiet speċifiċi għas-sajd tal-istokkijiet tal-baħar fond fl-Atlantiku tal-Grigal u dispożizzjonijiet għas-sajd fl-ilmijiet internazzjonali tal-Atlantiku tal-Grigal u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2347/2002<sup>6</sup>,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1100/2007 tat-18 ta' Settembru 2007 li jstabbilixxi miżuri għall-irkupru tal-istokk tas-sallura Ewropea<sup>7</sup> (ir-Regolament dwar is-Sallura),
- wara li kkunsidra r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1614 tal-15 ta' Settembru 2022 li jiddetermina ż-żoni eżistenti tas-sajd fil-baħar fond u l-istabbiliment ta' lista taż-żoni fejn huwa magħruf li jinsabu jew li x'aktarx ikun hemm ekosistemi vulnerabbli tal-baħar<sup>8</sup>,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Ġunju 2021 dwar l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030: Inreġġgħu n-natura lura f'haġġitna<sup>9</sup>,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-21 ta' Jannar 2021 intitolata “Aktar ħut fl-ibħra? Miżuri biex jippromwovu l-irkupru tal-istokkijiet 'il fuq mir-Rendiment Massimu Sostenibbli (MSY), inklużi ż-żoni ta' rkupru tal-istokkijiet tal-ħut u ż-żoni tal-baħar protetti”<sup>10</sup>,
- wara li kkunsidra ir-risoluzzjoni tiegħu tat-3 ta' Mejju 2022 intitolata “Lejn ekonomija blu sostenibbli fl-UE: ir-rwol tas-setturi tas-sajd u tal-akwakultura”<sup>11</sup>,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tas-7 ta' Ġunju 2022 dwar l-implimentazzjoni tal-Artikolu 17 tar-Regolament dwar il-Politika Komuni tas-Sajd<sup>12</sup>,

<sup>3</sup> ĠU L 327, 22.12.2000, p.1.

<sup>4</sup> ĠU L 164, 25.6.2008, p. 19.

<sup>5</sup> ĠU L 257, 28.8.2014, p. 135.

<sup>6</sup> ĠU L 354, 23.12.2016, p. 1.

<sup>7</sup> ĠU L 248, 22.9.2007, p.17.

<sup>8</sup> ĠU L 242, 19.9.2022, p.1.

<sup>9</sup> ĠU C 67, 8.2.2022, p. 25.

<sup>10</sup> ĠU C 456, 10.11.2021, p. 129.

<sup>11</sup> ĠU C 465, 6.12.2022, p. 2.

<sup>12</sup> ĠU C 493, 27.12.2022, p. 62.

- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tas-6 ta’ Ottubru 2022 dwar il-Momentum favur l-Oċeani biex jissaħħu l-governanza u l-bijodiversità tal-oċeani<sup>13</sup>,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tad-9 ta’ Mejju 2023 dwar il-koġestjoni tas-sajd fl-UE u l-kontribut tas-settur tas-sajd għall-implimentazzjoni tal-miżuri ta’ ġestjoni<sup>14</sup>,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-21 ta’ Novembru 2023 dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1100/2007 li jistabbilixxi miżuri għall-irkupru tal-istokk tas-sallura Ewropea<sup>15</sup>,
- wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Presidenza tas-26 ta’ Ġunju 2023 dwar il-Pakkett tal-politika tas-sajd għal settur tas-sajd u tal-akkwakultura sostenibbli, reżiljenti u kompetittiv,
- wara li kkunsidra d-diskors tal-2023 dwar l-Istat tal-Unjoni tat-13 ta’ Settembru 2023 mill-President tal-Kummissjoni Ursula von der Leyen fis-seduta plenarja tal-Parlament Ewropew,
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-10 ta’ Ottubru 2007 intitolata “Politika Marittima Integrata għall-Unjoni Ewropea” (COM(2007)0575),
- wara li kkunsidra l-Gwida tal-Kummissjoni tal-2018 dwar l-Akkwakultura u Natura 2000;
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni tat-23 ta’ Settembru 2021 intitolat “L-implimentazzjoni tar-Regolament dwar il-Miżuri Tekniċi (l-Artikolu 31 tar-Regolament (UE) 2019/1241)” (COM(2021)0583),
- wara li kkunsidra d-dokument ta’ ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni tat-22 ta’ Jannar 2022 intitolat “Criteria and guidance for protected areas designations” (Kriterji u gwida għad-deżinjazzjonijiet taż-żoni protetti) (SWD(2021)0023),
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Pjattaforma Intergovernattiva tal-Politika tax-Xjenza dwar il-Bijodiversità u s-servizzi Ekosistemiċi tal-4 ta’ Mejju 2019 intitolat “The global assessment report on biodiversity and ecosystem services” (Ir-rapport annwali ta’ valutazzjoni dwar is-servizzi tal-bijodiversità u l-ekosistemi),
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar tal-24 ta’ Ġunju 2021 intitolat “EU request on how management scenarios to reduce mobile bottom fishing disturbance on seafloor habitats affect fisheries landing and value” (Talba tal-UE dwar kif ix-xenarji ta’ ġestjoni biex jitnaqqas it-tfixkil tas-sajd mobbli tal-qiegħ fil-ħabitats ta’ qiegħ il-baħar jaffettwaw il-ħatt l-art u l-valur tas-sajd),
- wara li kkunsidra r-Rapport Speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri Nru 26/2020 tas-26 ta’ Novembru 2020 intitolat “Ambjent tal-baħar: il-protezzjoni tal-UE hija wiesgħa iżda mhux approfondita”,

<sup>13</sup> ĠU C 132, 14.4.2023, p. 106.

<sup>14</sup> Testi adottati, P9\_TA(2023)0132.

<sup>15</sup> Testi adottati, P9\_TA(2023)0411.

- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill Konsultattiv għall-Akkwakultura ta' Ġunju 2023 intitolata “Impact of the Action Plan’s Bottom Trawling Ban on Shellfish Farming” (L-impatt tal-projbizzjoni tat-tkarkir tal-qiegħ fuq trobbija tal-frott tal-baħar bil-qoxra) kif ukoll it-tweġiba tal-Kummissjoni tal-1 ta' Awwissu 2023 intitolata ‘Answer to the Aquaculture Advisory Council’s Recommendation “Impact of the Action Plan’s Bottom Trawling Ban on Shellfish Farming”’ (Tweġiba għar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill Konsultattiv għall-Akkwakultura: L-impatt tal-projbizzjoni tat-tkarkir tal-qiegħ fuq trobbija tal-frott tal-baħar bil-qoxra”, kif ukoll l-ittra tagħha tat-3 ta' April 2023 lill-MEPs David McAllister, Jens Gieseke u Niclas Herbst fuq *Krabbenfisherei* (sajd għall-grancijiet)<sup>16</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Iżvilupp,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Sajd (A9-0437/2023),
- A. billi l-protezzjoni tal-oċean għandha tkun iggwidata mill-prinċipju tal-wirt komuni tal-umanità; billi hemm hteġa urġenti li tiżdied l-azzjoni fil-livell globali u tal-UE biex jitreġġa' lura t-tnaqqis reali, eżistenti u deskritt xjentifikament tal-ekosistemi tal-baħar billi nindirizzaw, fil-limiti tal-kapaċità tagħna, il-persjonijiet umani u naturali konċepibbli kollha, nappoġġjaw l-irkupru pożittiv tal-istokkijiet tal-ħut, l-ispeċijiet u l-ħabitats tagħhom u nħeġġu l-istudji, ir-riċerka u l-iżvilupp fil-qasam xjentifiku, kif ukoll billi nappoġġjaw s-sajd u t-tekniki li jiżguraw sajd u akkwakultura sostenibbli, bl-involviment sħiħ tal-operaturi, ir-rappreżentanti tal-awtoritajiet lokali, is-soċjetà ċivili u l-komunitajiet kostali, li jipprovdu kontribut essenzjali għal dan l-oġġettiv globali;
  - B. billi attwalment hemm bosta testi leġiżlattivi, komunikazzjonijiet, strateġiji u regolamenti relatati mal-protezzjoni tal-ambjent u l-ġestjoni tas-sajd, b'mod partikolari dwar ir-restawr tan-natura;
  - C. billi l-UE impenjat ruħha li teżegwixxi l-Aġenda 2030 tan-NU, inkluż l-SDG 14, kif ukoll l-obbligi tagħha fil-Qafas Globali tal-Bijodiversità ta' Kunming-Montreal;
  - D. billi l-politiki kollha tal-UE relatati kemm mad-dimensjoni esterna kif ukoll ma' dik esterna tal-ekonomija blu sostenibbli huma ġestiti permezz ta' struttura ta' governanza kompartmentalizzata, li tirriżulta f'nuqqas ta' sinerġiji u twassal għal kunflitti fost il-partijiet ikkonċernati tal-ekonomija blu sostenibbli; billi l-Kummissjoni għandha tapplika approċċ ibbażat fuq l-ekosistema fil-politiki kollha tal-UE relatati mal-ekonomija blu, bħala parti minn qafas legali ġenerali, sabiex jintlaħqu l-għanijiet ta' politika speċifiċi u jiġi żgurat li dawn jiġu ġestiti permezz ta' approċċ integrat u konsistenti li jippromwovi sinerġiji bejn l-attivitajiet kollha relatati mal-baħar;
  - E. billi fil-laqgħa tal-Kunsill Agrikoltura u Sajd tal-20 ta' Marzu 2023, l-Istati Membri esprimew diversi pożizzjonijiet, inkluża kritika, fir-rigward tal-pjan ta' azzjoni; billi dan l-iskrutinju twettaq mill-parlamenti nazzjonali fi tmien Stati Membri;

<sup>16</sup> Ares(2023)3615063.

- F. billi l-pjan ta' azzjoni jrid ikun allinjat mal-objettivi tal-politika komuni tas-sajd (PKS), li għandha l-għan li tiggarrantixxi l-konservazzjoni u l-ġestjoni xierqa tar-riżorsi bioloġiċi tal-baħar u li għandha l-għan li tiżgura li l-attivitajiet tas-sajd u tal-akkwakultura, li rriżultaw strateġiċi matul il-kriżijiet riċenti, ikunu ambjentalment sostenibbli fit-tul u jkunu ġestiti b'tali mod li jkun konsistenti mal-objettivi tal-ksib ta' benefiċċji ekonomiċi, soċjali u għall-impjiegi u tal-kontribut għad-disponibbiltà tal-provvisti tal-ikel;
- G. billi l-proċedimenti legali li għaddejjin inbdew mir-Renju ta' Spanja fl-14 ta' Novembru 2022 u mis-sajjeda u l-organizzazzjonijiet tal-produtturi Galizjani fit-13 ta' Diċembru 2022 quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1614, li jstabbilixxi 87 żona fl-ilmijiet tal-UE tal-Grigal tal-Atlantiku fejn l-irkaptu tas-sajd tal-qiegħ kollu huwa pprojbit, li jirrappreżentaw erja totali ta' 16 419 km<sup>2</sup> u 17 % taż-żona ta' bejn 400 u 800 metru fond fejn l-irkaptu tas-sajd tal-qiegħ mhux permess; billi dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni ġie adottat mingħajr valutazzjoni tal-impatt soċjoekonomiku minn qabel u l-implimentazzjoni tiegħu se twassal għal impatt soċjoekonomiku sever fuq il-flotot tas-sajd ikkonċernati;
- H. billi l-bijodiversità tal-baħar trid tiġi protetta u restawrata f'kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati kollha, u b'mod partikolari mas-settur tas-sajd u mal-komunità xjentifika;
- I. billi, skont id-data tal-Kummissjoni, fl-2009, kien hemm biss ħames stokkijiet tal-ħut mistada b'mod sostenibbli fl-UE, iżda sal-2022, dan in-numru kien kiber għal aktar minn 60 u s-sitwazzjoni qed tkompli titjieb<sup>17</sup>; billi minkejja li sar progress tajjeb fl-2022 lejn il-kisba tal-objettivi stabbiliti fil-qafas tal-PKS, huwa meħtieġ aktar progress fl-ekosistemi tal-baħar tal-UE, b'mod partikolari fil-Baħar Mediterran u fil-Baħar l-Iswed;
- J. billi l-futur tas-sigurtà tal-ikel se jiddependi wkoll fuq il-kapaċità tagħna li nindirizzaw it-telf tan-natura u l-impatti dejjem jikbru tat-tibdil fil-klima;
- K. billi l-ġestjoni tal-ekosistemi tirrikjedi approċċ olistiku li jqis il-kawżi kollha tat-telf tal-bijodiversità, bħas-sajd eċċessiv, it-tibdil fil-klima, l-aċidifikazzjoni tal-oċeani, il-feġġ ta' speċijiet aljeni, l-erożjoni kostali jew it-telf tal-bijodiversità tal-baħar, inkluż permezz ta' azzjonijiet li jippermettu li żoni protetti tal-baħar (MPAs) ġestiti kif xieraq u miżuri u attivitajiet effettivi oħra ta' konservazzjoni bbażati fuq iż-żona, bħat-trobbija tal-frott tal-baħar bil-qoxra jkunu ta' benefiċċju kemm għas-sajd kif ukoll għall-ekosistemi;

### ***Il-protezzjoni tal-ambjent u s-sostenibbiltà***

1. Ifaħħar l-isforzi li saru mis-settur tas-sajd tal-UE u l-progress miksub biex is-sajd isir saħansitra aktar sostenibbli u biex jingħata kontribut għall-protezzjoni u l-użu sostenibbli tal-ekosistemi tal-baħar; iqis li, minkejja dawn l-isforzi u l-progress, l-oċean

<sup>17</sup> Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-21 ta' Frar 2023 intitolata "Il-politika komuni tas-sajd illum u għada: Patt dwar is-Sajd u l-Oċeani lejn ġestjoni tas-sajd sostenibbli, ibbażata fuq ix-xjenza, innovattiva u inklużiva" (COM(2023)0103),

huwa affettwat minn diversi fatturi oħra bħas-sajd eċċessiv, it-tibdil fil-klima, l-aċidifikazzjoni, l-ispeċijiet aljeni invażivi u sorsi differenti ta' tniġġis, b'mod partikolari minn attivitajiet u trasport ibbażati fuq l-art, li sa ċertu punt mhumiex fil-kontroll tas-sajjieda u jippreżentaw theddid sinifikanti għall-għajxien tas-sajjieda u għall-ekosistemi tal-baħar;

2. Jemmen, bħall-partijiet ikkonċernati kollha involuti fil-politiki tas-sajd u dawk ambjentali, li ekosistemi tal-baħar b'saħħithom huma ta' benefiċċju għal saħħitna, għas-soċjetà u għall-ekonomija tagħna, u huma essenzjali għall-pjaneta kollha kemm hi u b'mod partikolari għall-popolazzjonijiet li jiddependu fuqhom;
3. Ifakkar fl-importanza vitali tal-oċeani bħala pilastru tas-sistemi tal-klima u tal-ikel, peress li dawn ikopru 71 % tal-wiċċ tad-dinja, jipproduċu nofs l-ossiġnu tagħna u jassorbu terz tal-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub>; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu żviluppati approċċi ta' politika u ta' finanzjament għall-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tal-oċeani; jappella għall-preservazzjoni globali tal-għajxien ibbażat fuq l-oċeani u tal-bijodiversità tal-oċeani; jišħaq fuq ir-rwol kritiku tal-oċeani, b'mod partikolari fis-sekwestru tal-karbonju, l-iżvilupp ta' enerġija rinnovabbli, il-ħolqien tal-impjiegi, it-tnaqqis tal-faqar, it-trasport tal-merkanzija u l-komunikazzjoni bl-internet; iwissi dwar l-interdipendenza bejn is-sajd u s-sigurtà tal-ikel, peress li 3,3 biljun ruħ jiddependu fuq l-ikel mill-baħar biex jiksbu mill-inqas 20 % tal-konsum tagħhom ta' proteini mill-animali;
4. Jinnota li l-komunitajiet kostali ilhom jaħsdu l-ikel mill-ibħra tal-Ewropa għal ħafna ġenerazzjonijiet; iqis li s-setturi tas-sajd u tal-akkwakultura u dawn il-komunitajiet kostali jikkontribwixxu għas-sigurtà tal-ikel sostenibbli fl-ambitu tal-ekonomija blu; jemmen li l-użu u l-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi tal-baħar għandhom jitqiesu bħala li jikkontribwixxu għall-ekosistemi tal-baħar, mingħajr ma jagħmlulhom ħsara;

#### ***Approċċ konsistenti mar-regolamenti eżistenti***

5. Iqis li l-pjan ta' azzjoni tal-Kummissjoni ma għandux approċċ koerenti ma' prijoritajiet u strateġiji oħra, bħall-iżgurar tas-sigurtà tal-ikel u l-awtonomija strateġika tal-UE; jenfasizza li, barra minn hekk, il-pjan ta' azzjoni għandu jiġi ġestit permezz ta' approċċ integrat, konsistenti u bbażat fuq l-ekosistemi li jippromwovi sinerġiji bejn l-attivitajiet marittimi kollha sabiex jiġu evitati l-kunflitti u titrawwem il-kooperazzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-infrastruttura tal-enerġija tal-baħar, u li għandu jiżgura kundizzjonijiet ekwi ma' pajjiżi mhux tal-UE; huwa tal-fehma li kunsiderazzjonijiet bħaż-żieda fil-prezzijiet, it-tiżiħ tad-dimensjoni soċjali tal-PKS u t-tiżiħ tat-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi ma ġewx ikkunsidrati biżżejjed fil-pjan ta' azzjoni;
6. Jiddispjaċih li l-pjan ta' azzjoni propost wasal fi żmien meta s-settur tas-sajd qed ibati mill-konsegwenzi tal-invażjoni Russa tal-Ukrajna, iż-żieda u l-imprevedibbiltà tal-prezzijiet taż-żejt u l-Brexit;
7. Jenfasizza tħassib ġenerali dwar in-nuqqas ta' konsultazzjoni reali mal-partijiet ikkonċernati biex jiġi żgurat appoġġ għall-pjan ta' azzjoni; jesprimi tħassib ġenerali li l-kunsiderazzjonijiet tal-proporzjonalità ma jitqisux kif xieraq fil-proposti tal-Kummissjoni;



8. Ifakkar li l-pjan ta' azzjoni għandu jkun konsistenti mal-objettivi tal-PKS biex jiġi żgurat li l-attivitajiet tas-sajd u tal-akkwakultura jkunu ambjentalment sostenibbli fit-tul u jkunu ġestiti b'mod konformi ma' approċċ ibbażat fuq l-ekosistemi; ifakkar li l-pjan ta' azzjoni għandu jkun konsistenti wkoll mal-objettivi li jiġu żgurati benefiċċji ekonomiċi, soċjali u tal-impjiegi, kif ukoll jikkontribwixxi għad-disponibbiltà tal-provvisti tal-ikel u jagħmel l-aħjar użu mill-opportunitajiet tas-sajd disponibbli biex titnaqqas id-dipendenza fuq swieq mhux tal-UE; jilqa' kwalunkwe objettiv li jippermetti approċċ konsistenti bejn il-PKS u politiki oħra, b'mod partikolari l-legalizzazzjoni ambjentali;
9. Jappoġġja l-ħtieġa li jissaħħu u jittejbu l-proġetti ta' riċerka u innovazzjoni xjentifiċi, li għandhom jitwettqu b'mod li jkun konsistenti ma' politiki oħra tal-UE, proġetti pilota u proġetti xjentifiċi li jittrattaw l-innovazzjoni u r-riċerka, bħal dawk, pereżempju, li għandhom l-għan li jnaqqsu u jissostitwixxu l-użu tal-mikroplastiks;

### ***Restawr tal-ekosistemi tal-baħar***

10. Jiddispijaċih dwar in-nuqqas ta' koerenza fit-titlu tal-pjan ta' azzjoni, kif ukoll in-nuqqas ta' sett olistiku ta' proposti fil-pjan ta' azzjoni, peress li l-jan jiffoka prinċipalment fuq it-tibdil tal-prattiki tas-sajd li jaffettwaw l-ispeċijiet u l-habitats u ma jindirizzax il-potenzjal għal allinjament bejn it-tekniki u l-prattiki tas-sajd u l-protezzjoni jew ir-restawr tal-ekosistemi; ifakkar fir-rilevanza speċifika tal-ksib ta' bilanċ bejn ir-reqwiżiti għall-utenti u l-kisbiet għan-natura biex jiġu żgurati l-prevedibbiltà u ċ-ċarezza legali, u jisħaq fuq il-ħtieġa li s-sajjieda jkunu parti mis-soluzzjoni, minflok ma jiġu ppreżentati bħala l-kawża tal-problema;
11. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu żviluppati u appoġġjati inizjattivi għar-restawr tal-ekosistemi tal-baħar, li jistgħu jinħolqu biss jekk dawk li jfasslu l-politika jinvolvu ruħhom u jikkooperaw bis-siġħ ma' dawk li l-għajxien tagħhom jiddependi fuq dawk iż-żoni tal-baħar; jitlob, għal dak l-għan, appoġġ finanzjarju għal studji xjentifiċi u ġbir ta' data dwar l-ekosistemi tal-baħar, kumpens finanzjarju u inċentivi, pereżempju permezz tal-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura (FEMSA), li għandu jintuża biex jipprovdi appoġġ effettiv għall-flotot tas-sajd tal-UE li jgħaddu għal tekniki tas-sajd aktar selettivi, u b'mod partikolari biex jiġu appoġġjati s-sajjieda l-aktar affettwati mir-restrizzjonijiet, kif ukoll biex jittaffew l-impatti soċjoekonomiċi tal-miżuri restrittivi;
12. Itenni l-objettivi tal-protezzjoni ta' mill-inqas 30 % u l-protezzjoni stretta ta' mill-inqas 10 % tal-ibħra tal-UE sal-2030; jinnota li l-UE għamlet progress fid-deżinjazzjoni ta' MPAs ġodda, kemm bħala parti min-network Natura 2000 tal-UE kif ukoll permezz ta' deżinjazzjonijiet nazzjonali komplementari;

### ***Żoni tal-baħar protetti (MPAs)***

13. Jenfasizza li l-MPAs huma diversi f'termini ta' daqs, speċijiet, habitats u ekosistemi li għandhom jiġu protetti, huma stabbiliti b'objettivi ta' konservazzjoni differenti, u m'għandhomx jitqiesu bħala żoni uniformi li kollha jgħibu l-benefiċċji ta' MPAs ġestiti tajjeb għall-ekosistemi tal-baħar; iqis, għalhekk, li l-pjan ta' azzjoni tal-Kummissjoni jippreżenta approċċ simplifikat iżżejjed u ġeneralizzat iżżejjed, u b'hekk jagħti l-

impressjoni li l-MPAs kollha jistgħu jiġu implimentati u ġestiti bl-istess mod, kif jidher pereżempju mill-proposti relatati ma' ċerti rkapti tas-sajd u mal-eliminazzjoni gradwali tas-sajd mobbli tal-qiegħ fl-MPAs kollha sal-2030; jitlob approċċ ibbilanċjat fir-rigward tad-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-MPAs, filwaqt li jitqiesu l-oġettivi ta' konservazzjoni ta' kull żona speċifika, iżda wkoll l-attivitajiet li tradizzjonalment jużaw dawk iż-żoni, kif ukoll l-ambjent dinamiku u li qed jinbidel li jirriżulta mit-tibdil fil-klima, filwaqt li tiġi żgurata l-parteciġazzjoni effettiva tas-sajjieda fid-deżinjazzjoni u l-ġestjoni tagħhom;

14. Jiġbed l-attenzjoni tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri għall-fatt li strumenti effettivi oħra għall-ħarsien tal-ambjent, bħal miżuri effettivi oħra ta' konservazzjoni bbażati fuq iż-żona, għandhom jiġu kkunsidrati fil-pjan ta' azzjoni biex jgħinu fil-kisba tal-miri u jimmassimizzaw l-effetti tal-miżuri li diġà ġew implimentati f'ambjent dinamiku u li qed jinbidel li jirriżulta mit-tibdil fil-klima, kif ukoll biex jgħinu biex tinżamm il-proporzjonalità fil-miżuri kollha;
15. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jimplimentaw il-miżuri protettivi jew restrittivi meħtieġa biex jintlaħqu l-miri ta' konservazzjoni u restawr speċifiċi għal kull waħda minn dawn l-MPAs kollha, inklużi l-miżuri tekniċi meħtieġa biex jintlaħqu l-miri, u permezz ta' finanzjament suffiċjenti, u dan għandu jibda miż-żoni l-aktar f'riskju u ż-żoni ta' Natura 2000 li għandhom l-għan li jiproteġu l-ħabitats tal-baħar; ifakkar fl-obbligi legali tal-Istati Membri u jenfasizza li l-Kummissjoni fetħet proċeduri kontra ċerti Stati Membri li preżumibbilment ma ssodisfawx l-obbligi tagħhom previsti fid-Direttiva dwar il-ħabitats<sup>18</sup>;
16. Iqis li l-MPAs u żoni protetti oħra huma għodod, mhux oġettivi fihom infushom; jirrikonoxxi li s-suċċess tagħhom jinsab fl-aċċettazzjoni u t-tħaddin tagħhom mis-sajjieda, il-komunitajiet kostali u partijiet ikkonċernati oħra; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jniedu u jiffinanzjaw programmi ta' riċerka xjentifika u jitlob l-inklużjoni tas-settur tas-sajd, inkluż il-komponent artiġjanali tiegħu, kif ukoll partijiet ikkonċernati rilevanti oħra, fit-tfassil, il-ġestjoni, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u s-sorveljanza tal-MPAs;
17. Iqis li l-oġettiv tal-involviment tax-xjenza, tas-settur tas-sajd u tal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha ma jistax jiġi segwit biss mill-UE, speċjalment fir-rigward tal-prevenzjoni ta' prattiki ħżiena minn flotot barranin; jitlob li jsiru aktar sforzi biex jiġu indirizzati attivitajiet globali li huma ta' detriment għall-protezzjoni tal-oċeani, inkluż minn flotot ta' pajjiżi mhux tal-UE, bħall-flotta Ċiniża, u li tingħata kunsiderazzjoni għall-istabbiliment ta' network globali tal-MPAs;

### ***Irkapti tas-sajd b'kuntatt mal-qiegħ***

18. Jenfasizza li ħafna bastimenti tal-Unjoni joperaw bi rkapti tas-sajd mobbli b'kuntatt mal-qiegħ, u li ħafna reġjuni kostali huma soċjalment u ekonomikament dipendenti fuq attivitajiet li jużaw irkapti mobbli u fissi b'kuntatt mal-qiegħ, bħal attivitajiet ta' trobbija tal-frott tal-baħar bil-qoxra; jenfasizza li r-restrizzjonijiet fuq jew l-għeluq taż-żoni tas-sajd għal irkapti tas-sajd b'kuntatt mal-qiegħ mhumiex sempliċiment kwistjoni

---

<sup>18</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ambjent naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġi (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7)

ta' ċaqliq tal-attività tal-bastimenti tas-sajd lejn żoni tas-sajd differenti; jisħaq li huwa meħtiegħ li jitqiesu, fost affarijiet oħra, ir-riżorsi disponibbli possibbli li jistgħu jinqabdu b'dan l-irkaptu, l-esperjenzi prattiċi tas-sajjieda, il-preżenza u r-ridistribuzzjoni ta' bastimenti tas-sajd f'żoni kontigwi sabiex jiġi evitat trikkib li jista' jwassal għal kunflitt dwar l-użu tal-ispazju, żieda fil-pressjoni f'żoni oħra tas-sajd u d-deterjorament tal-kundizzjonijiet tax-xogħol;

19. Ifakkar li l-passi lejn ir-reġjonalizzazzjoni li saru matul l-aħħar riforma tal-PKS kienu tentattiv biex nitbiegħdu minn approċċ wieħed tajjeb għal kulħadd fejn id-deċiżjonijiet kienu ċentralizzati żżejjed fl-UE; jilqa' l-miżuri proposti fil-pjan ta' azzjoni għat-titjib tal-kooperazzjoni reġjonali; iqis, madankollu, li l-pjan ta' azzjoni jieħu ċerti passi fid-direzzjoni opposta, b'mod partikolari fir-rigward tal-proposti tiegħu dwar it-tkarkir tal-qiegħ;
20. Iqis li kien hemm diversi inizjattivi fil-pjan ta' azzjoni u barra minnu li jikkonċernaw l-istess tekniki tas-sajd li ħolqu taħlita ta' inizjattivi u qajmu dubji dwar il-koerenza u l-prevedibbiltà tal-azzjonijiet li se jittiegħdu fil-livell tal-UE u li għandhom impatt serju fuq il-fiduċja tas-sajjieda u tal-komunitajiet tas-sajd fil-proċessi ta' politika u ta' teħid ta' deċiżjonijiet (UE);
21. Iqis li kwalunkwe pjan biex jiġu implimentati dispożizzjonijiet jew restrizzjonijiet fuq l-użu ta' kwalunkwe rkaptu tas-sajd partikolari jeħtiegħ li jsir f'konformità ma' politiki oħra, u jqis il-partijiet ikkonċernati kollha, kif ukoll l-aspetti rilevanti kollha tas-sigurtà tal-ikel u dawk soċjoekonomiċi, ambjentali, tekniċi u xjentifiċi; itenni li l-azzjonijiet appoġġjati b'kunsens u appoġġjati minn dawn il-kunsiderazzjonijiet se jkollhom suċċess akbar u effett pożittiv fuq l-implimentazzjoni tagħhom;
22. Jemmen li l-konsegwenzi ta' kwalunkwe pjan ta' azzjoni jew proposta leġiżlattiva jeħtiegħ li jkunu bbażati fuq valutazzjonijiet u evalwazzjonijiet xjentifiċi u soċjoekonomiċi; jinnota n-nuqqas ta' perspettiva dwar il-konsegwenzi ta' ċerti aspetti ta' dan il-pjan ta' azzjoni, pereżempju t-talbiet tal-Kummissjoni lill-Istati Membri biex jipprojbixxu s-sajd mobbli tal-qiegħ fl-MPAs li huma siti Natura 2000 skont id-Direttiva dwar il-Habitats li jipproteġu qiegħ il-baħar u l-ispeċijiet tal-baħar sat-tmien ta' Marzu 2024 minn naħa waħda, filwaqt li min-naħa l-oħra, b'mod parallel u bl-istess skadenza, it-talbiet tiegħu li l-Istati Membri jipprovdu informazzjoni dwar kif beħsiebhom jiżguraw li s-sajd tal-qiegħ mobbli jitneħħa gradwalment fl-MPAs kollha sal-2030 mingħajr ma jistennaw, pereżempju, għall-konklużjonijiet xjentifiċi u soċjoekonomiċi ta' proposti preċedenti; jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni rrikonoxxiet li approċċ ġenerali li jipprojbixxi s-sajd mobbli b'kuntatt mal-qiegħ mhuwiex xieraq biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-pjan ta' azzjoni;
23. Iqis li l-miżuri relatati mat-tkarkir tal-qiegħ għandhom jiġu vvalutati f'konformità mal-gwida kollha possibbli, b'hal dik tal-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar jew il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd, kif ukoll mal-aħjar data xjentifika disponibbli; iqis li dawn il-miżuri għandhom iqisu li t-tkarkir tal-qiegħ huwa wieħed mill-aktar irkapti tas-sajd komuni u regolati fl-Ewropa u li għandu jkun, bi prijorità, irregolat fil-qafas tar-Regolament dwar il-Miżuri Tekniċi (ir-Regolament (UE)

2019/1241<sup>19</sup>), li l-għan tiegħu huwa, kif jindika t-titolu tiegħu, “il-konservazzjoni ta’ riżorsi tas-sajd u l-protezzjoni tal-ekosistemi tal-baħar”;

24. Jinnota li korpi xjentifiċi bħall-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar u ħafna studji xjentifiċi rieżaminati bejn il-pari wrew u rrikonoxxew li l-irkaptu tas-sajd mobbli b’kuntatt mal-qiegħ għandu impatt fuq l-ekosistemi; jenfasizza, madankollu, li l-effett tat-tkarkir huwa varjabbli u, skont diversi fatturi bħat-tip ta’ sajd, huwa meqjus mix-xjenza bħala sostenibbli u kompatibbli mal-kisba tal-oġettivi ta’ konservazzjoni ta’ qiegħ il-baħar jew mal-istokkijiet li qed jiġu sfruttati ’l fuq mil-livelli ta’ rendiment massimu sostenibbli;
25. Jenfasizza li l-intenzjoni tal-Kummissjoni li timponi miżuri permezz tal-pjan ta’ azzjoni tagħha, minflok ma tħalli lill-koleġiżlaturi jiddeċiedu, toħloq ir-riskju li tippreġudika l-governanza tajba u d-djalogu bejn il-partijiet ikkonċernati u l-livelli differenti ta’ amministrazzjoni u toħloq ir-riskju li timmina l-bilanċ interistituzzjonali u r-rwol ta’ kull istituzzjoni fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet;

### **Sallur**

26. Jenfasizza l-kumplessità u d-diversità tal-ġestjoni tal-istokk tas-sallur, li ma tistax tiġi limitata għal approċċ wieħed iffukat fuq il-baħar; itenni li r-Regolament dwar is-Sallur instab li kien adegwat għall-iskop tiegħu mill-evalwazzjoni tal-Kummissjoni fl-2020; huwa madankollu tal-fehma li hemm bżonn ta’ implimentazzjoni aħjar tar-Regolament dwar is-Sallur u ta’ azzjonijiet imsaħħa addizzjonali mill-Istati Membri, sabiex jiġi żgurat approċċ komprensiv fl-implimentazzjoni tar-Regolament; ifakkar lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħmlu użu sħiħ mir-Regolament dwar is-Sallur bħala l-politika ewlenija għall-ġestjoni u l-irkupru tal-istokk tas-sallura, filwaqt li jiżguraw approċċ olistiku u konsistenti li jkopri kemm l-istadji tal-ħajja tal-baħar kif ukoll tal-ilma ħelu tas-sallura u jindirizza kemm l-impatti tas-sajd kif ukoll dawk mhux tas-sajd billi jimplementaw bis-sħiħ miżuri fl-oqsma rilevanti kollha;
27. Huwa tal-fehma li l-miżuri meħuda barra mill-kuntest tar-Regolament dwar is-Sallura jistgħu jimminaw il-konsistenza tal-politika adottata; jesprimi tħassib serju għalhekk fir-rigward tal-approċċ mhux olistiku meħud fir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/194<sup>20</sup>, li rrestrinġa s-sajd għas-sallura billi introduċa perjodu ta’ għeluq ta’ sitt xhur mingħajr konsultazzjoni xierqa mal-partijiet ikkonċernati u mingħajr ma kkunsidra pakkett sħiħ ta’ miżuri f’oqsma ta’ politika oħra jew kumpens xieraq, inklużi miżuri li jqisu l-effetti soċjoekonomiċi; iqis, għalhekk, li għandha ssir analiżi minn qabel tal-irkupru tal-ispeċijiet, kif ukoll tar-rwol possibbli tagħhom fil-ġlieda kontra l-ispeċijiet invażivi qabel ma jiġu kkunsidrati aktar miżuri restrittivi, kif imħabbra fil-pjan ta’ azzjoni;

<sup>19</sup> Ir-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta’ Ġunju 2019 dwar il-konservazzjoni ta’ riżorsi tas-sajd u l-protezzjoni ta’ ekosistemi tal-baħar permezz ta’ miżuri tekniċi, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006, (KE) Nru 1224/2009 u r-Regolamenti (UE) Nru 1380/2013, (UE) 2016/1139, (UE) 2018/973, (UE) 2019/472 u (UE) Nru 2019/1022 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 894/97, (KE) Nru 850/98, (KE) Nru 2549/2000, (KE) Nru 254/2002, (KE) Nru 812/2004 u (KE) Nru 2187/2005 (ĠU L 198, 25.7.2019, p. 105).

<sup>20</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/194 tat-30 ta’ Jannar 2023 li jistabbilixxi għall-2023 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f’ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni, kif ukoll li jistabbilixxi għall-2023 u għall-2024 tali opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta’ ħut tal-baħar fond, ĠU L 28, 31.1.2023, p. 1.

28. Itenni t-talba tiegħu għall-ħolqien ta' grupp ta' esperti speċifiku għas-sallura biex tiġi żgurata rappreżentanza sħiħa u bbilanċjata tal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha; ihegġegħ lill-Istati Membri jaġġornaw b'mod regolari l-pjanijiet tagħhom ta' ġestjoni tas-sallur u jaderixxu mal-obbligi ta' rappurtar tagħhom previsti fir-Regolament dwar is-Sallur;

### ***Ir-reazzjonijiet tal-Istati Membri għall-pjan ta' azzjoni***

29. Jinnota l-għadd kbir ta' dikjarazzjonijiet u dikjarazzjonijiet ċari minn rappreżentanti tal-Istati Membri li jqajmu tħassib ċar dwar il-pjan ta' azzjoni u l-inċertezzi assoċjati miegħu; jinnota li l-Istati Membri esprimew dubji b'mod speċjali dwar l-approċċ simplistiku żżejjed meħud mill-Kummissjoni fir-rigward tar-restrizzjonijiet tat-tkarkir tal-qiegħ fl-MPAs;
30. Iqis l-oppożizzjoni tal-iżvilupp tal-industrija tas-sajd bil-protezzjoni tal-bijodiversità tal-baħar mhijiex valida; jemmen li t-tnejn li huma jistgħu jinkisbu b'mod ibbilanċjat, kif iddikjarat mir-rappreżentanti tal-Istati Membri wara l-preżentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni;
31. Jilqa' l-ħolqien ta' grupp ta' djalogu speċjali magħmul mid-Direttorat Ġenerali għall-Ambjent (DG ENV) u d-Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (DG MARE) tal-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-partijiet interessati; iqis li r-rwol tal-grupp ta' djalogu għandu jkun li jiffaċilita l-għarfien u d-diskussjonijiet possibbli bejn il-komunitajiet tas-sajd u daww ambjentali, kif ukoll li jagħti lill-Istati Membri pjattaforma għat-trasparenza u d-djalogu dwar l-implimentazzjoni tal-pjanijiet direzzjonali tagħhom;

### ***Implikazzjonijiet legali tal-pjan ta' azzjoni tal-Kummissjoni***

32. Jafferma mill-ġdid l-impenn tiegħu li jeżerċita l-prerogattivi u l-kompetenzi tal-Parlament fir-rigward ta' kwalunkwe inizjattiva, bħal proposti leġislattivi u atti delegati jew ta' implimentazzjoni, inklużi daww marbuta jew mhux marbuta mal-pjan ta' azzjoni;
33. Jinnota li, għalkemm il-pjan ta' azzjoni mhuwiex legalment vinkolanti, l-implimentazzjoni tiegħu se tinvolti kostijiet soċjoekonomiċi sinifikanti għall-Istati Membri u l-flotot tagħhom, peress li fih madwar 90 miżura fil-forma ta' regolamenti, gwida, analiżijiet, pjanijiet direzzjonali, studji, rapporti u inizjattivi; jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jwettqu l-istudji meħtieġa fi żmien xieraq fil-qafas tat-tħejjija għal kwalunkwe regolament jew inizjattiva ġdida jew riformata, kif ukoll iqisu u jinvolve ruħhom fil-proċessi tal-ippjanar spazjali tal-baħar, bejn ir-reġjuni u l-baċiri tal-baħar, iżda wkoll fost Stati Membri differenti u ma' pajjiżi mhux tal-UE biex jiġu żgurati benefiċċji soċjoekonomiċi;
34. Jemmen li l-miżuri inklużi fil-pjan ta' azzjoni għandhom isegwu, fejn possibbli, il-proċedura leġislattiva ordinarja biex tiġi żgurata trasparenza akbar u għandhom jinkludu valutazzjoni tal-impatt ġenwina, bl-involviment xieraq tal-partijiet ikkonċernati kollha;
35. Jinnota bi tħassib in-nuqqas ta' ċarezza dwar il-konsegwenzi legali tal-pjan ta' azzjoni, minħabba dikjarazzjonijiet magħmula mill-Kummissjoni, pereżempju matul il-

preżentazzjoni tagħha lill-Kumitat għas-Sajd tal-Parlament u lil partijiet interessati differenti; iqis li dan ma għabx ċarezza u stabbiltà għas-settur tas-sajd u kellu impatt dannuż fuq ħafna setturi tal-industrija tas-sajd fi żmien meta l-inċertezzi kkawżati mill-konsegwenzi kumulattivi ta' diversi kriżijiet qed ikunu ta' piż kbir fuq il-moral tan-nies li jaħdmu fl-industrija;

36. Jinnota bi tħassib li l-Kummissjoni qed tuża dejjem aktar strumenti mhux vinkolanti, bħal komunikazzjonijiet, li huma komunement imsejħa “liġi mhux vinkolanti”, biex tippreżenta miżuri ta' politika konkreti ħafna mingħajr ma tagħti segwitu għalihom bi proposti leġiżlattivi; iqis li kwalunkwe inċertezza bejn it-tifsira legali intiża tal-komunikazzjonijiet ippreżentati u l-effett legali reali tagħhom x'aktarx taffettwa ċ-ċertezza legali u l-prevedibbiltà għas-settur, kif ukoll tqajjem mistoqsijiet legali rigward il-bilanċ istituzzjonali u l-limiti u l-eżerċizzju tal-kompetenzi tal-UE; jemmin, għalhekk, li l-komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni m'għandhomx jintużaw biex jitressqu miżuri vinkolanti;
37. Jiddispjaċih li l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni u, b'mod partikolari, mid-DĠ MARE u d-DĠ ENV, inkludiet dikjarazzjonijiet konfliġġenti rigward l-effetti vinkolanti tal-pjan ta' azzjoni; jistieden lid-DĠ MARE u lid-DĠ ENV jagħti każ aktar tal-karatteristiċi speċifiċi tas-settur tas-sajd qabel ma jippreparaw jew jipproponu inizjattivi konġunti;

#### *Aspetti soċjoekonomiċi u s-sigurtà tal-ikel*

38. Jappoġġja d-diskors tal-President tal-Kummissjoni dwar l-Istat tal-Unjoni tal-2023, li jiddikjara li għal kull att leġiżlattiv għdid se jitwettaq kontroll tal-kompetittività; jitlob li l-pjan ta' azzjoni, il-proposti leġiżlattivi kollha relatati mas-sajd u inizjattivi oħra jinkludu kontroll tal-kompetittività għall-impatt soċjoekonomiku tagħhom fuq l-attivitatiet differenti u l-effett tagħhom fuq il-komunitajiet kostali, kif ukoll fuq is-settur tas-sajd rikreattiv u l-effett kumulattiv fuq id-disponibbiltà tal-provvista tal-ikel;
39. Jiddispjaċih dwar il-fatt li l-pjan ta' azzjoni mhuwiex akkumpanjat minn studju soċjoekonomiku, valutazzjoni tal-impatt b'analiżi xjentifika jew rapport intermedjarju u ma jipproponi l-ebda tip ta' miżuri ta' finanzjament addizzjonali għat-tranżizzjoni ekoloġika u dik enerġetika; jiġbed l-attenzjoni tal-Kummissjoni għall-fatt li dokumenti strateġiċi, bħal dan il-pjan ta' azzjoni, għandhom jiġu ppreżentati lill-partijiet interessati differenti u jqisu l-fehmiet tagħhom b'mod aktar koordinat u ċar, u għandhom jinkludu valutazzjonijiet ambjentali, soċjali, ekonomiċi u legali sħaħ tal-implimentazzjoni tagħhom; jitlob li jiġu stabbiliti l-mezzi kollha meħtieġa, inklużi inċentivi u mekkaniżmi ta' kumpens, għal tranżizzjoni ġusta u bbilanċjata;
40. Jenfasizza li l-pjan ta' azzjoni għandu jikkontribwixxi b'mod ugwali għall-pilastru tas-sostenibbiltà fil-PKS (ambjentali, soċjali u ekonomika) u, fost affarijiet oħra, jikkontribwixxi għat-ktabbir tal-produttività, kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti fis-settur, b'mod partikolari għas-sajd fuq skala żgħira, u swieq stabbli, jiżgura prodotti sikuri għall-ikel u kwalitattivi u sostenibbli mingħajr ma jikkomprometti s-sigurtà u l-awtonomija tal-ikel billi jippermetti lis-sajjieda jagħmlu użu sħiħ mill-kwoti tas-sajd allokatilhom, u jikkontribwixxi għall-irkupru u l-protezzjoni ambjentali biex jittaffa t-tibdil fil-klima u jkun hemm adattament għall-impatti tiegħu;



41. Jilqa' t-talba tal-Kummissjoni biex tinġabar data dwar l-impatt tas-sajd rikreattiv, iżda jissottolinja l-ħtieġa li jitqiesu wkoll l-impatti ekonomiċi u soċjali tal-attivitajiet tas-sajd rikreattiv sostenibbli; iqis li s-sajd rikreattiv jista' joffri opportunitajiet eċċellenti biex jitrawwem l-approċċ ta' "xjenza taċ-ċittadini";

### ***Azzjoni internazzjonali u reċiproċità***

42. Iqis it-Trattat tan-NU dwar l-Ibħra Internazzjonali bħala kisba sinifikanti fil-livell internazzjonali għall-protezzjoni tal-oċeani; jiddispjaċih, madankollu, li l-pjan ta' azzjoni ma jinsistix biżżejjed fuq il-ħtieġa li tiġi inkluża r-reċiproċità fil-ftehimiet internazzjonali; iqis għalhekk li huwa essenzjali li, fil-livell internazzjonali, l-UE taħdem ma' kontropartijiet oħra biex timplimenta regoli b'objettivi u għanijiet simili għal dawk stabbiliti mill-PKS, speċjalment l-Artikolu 28(2)(d) tagħha, il-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-SDGs;
43. Jenfasizza l-importanza li l-UE taħdem mal-pajjiżi li qed jiżviluppaw, b'mod partikolari l-pajjiżi fl-Afrika, il-Karibew u l-Oċean Paċifiku, biex tipprepara għall-iżvilupp futur tal-enerġija rinnovabbli tal-baħar billi tikkondividi l-għarfien espert tal-UE fl-ippjanar tal-baħar u l-iżvilupp industrijali; jistieden lill-UE żżid il-bini tal-kapaċità u l-finanzjament għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw fil-qasam tat-titjib tal-ġestjoni tal-oċeani u tal-kosta, l-iżvilupp ta' strateġiji tal-ekonomija tal-oċeani, it-tnaqqis tal-lakuni fil-governanza u l-indirizzar tas-sajd illegali, mhux irrapportat u mhux irregolat u l-kummerċ illeċitu fir-riżorsi tal-baħar; jissottolinja l-importanza li jiġu ppreżentati risponsi li jissodisfaw il-ħtieġijiet lokali għal enerġija b'emissjonijiet zero, li jiżguraw li l-ekosistemi tal-baħar ikunu protetti u li jippreservaw attivitajiet tradizzjonali bħas-sajd; jisħaq fuq l-importanza li jiġu involuti l-komunitajiet kostali fl-implimentazzjoni ta' dawn l-azzjonijiet; jenfasizza wkoll l-importanza li jiġu appoġġjati Prattiki tas-sajd sostenibbli fir-reġjuni ultraperiferiċi, ibbażati fuq l-użu sostenibbli tar-riżorsi tal-baħar u l-ġestjoni tas-sajd, l-akkwakultura u t-turiżmu, bħala mod biex jiġi żgurat l-iżvilupp soċjoekonomiku fit-tul ta' dawn ir-reġjuni;
44. Jitlob lill-UE tippromwovi t-trasparenza fis-sajd u industriji estrattivi oħra fuq il-baħar fil-pajjiżi sħab, peress li din hija essenzjali biex jitwaqqaf is-sajd eċċessiv, it-telf tal-bijodiversità u l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem; jisħaq li l-pajjiżi kostali li qed jiżviluppaw jistgħu jimplimentaw l-istandards deskritti fl-Inizjattiva għat-Trasparenza tas-Sajd u l-Inizjattiva għat-Trasparenza tal-Industriji Estrattivi biex tittejjeb it-trasparenza;
45. Jitlob li kwalunkwe restrizzjoni, kemm jekk ibbażata fuq il-pjan ta' azzjoni kif ukoll jekk le, għandha tiġi riflessa awtomatikament għall-prodotti importati minn pajjiżi mhux tal-UE, speċjalment minħabba l-fatt li l-UE timporta 70 % tal-ħut li tikkonsma; jenfasizza li huwa essenzjali li tiġi żgurata l-konsistenza bejn il-politiki interni u esterni, kif ukoll kundizzjonijiet ekwi bejn l-operaturi tal-UE u dawk mhux tal-UE;
46. Jinnota li l-qabdiet ta' rkaptu tal-qiegħ mobbli jammontaw għal 25 % tal-qabdiet totali Ewropej; jemmen li regoli ġodda ta' ġestjoni, b'mod partikolari limitazzjonijiet jew restrizzjonijiet fuq l-użu ta' tekniki tas-sajd fil-livell tal-UE, m'għandhomx joħolqu riskju għas-sigurtà tal-ikel, u lanqas ma għandhom iwasslu għal żieda fl-

importazzjonijiet ta' prodotti tas-sajd, u saħansitra inqas jekk dawn il-prodotti jinqabdu bl-użu ta' rkaptu tas-sajd b'użu limitat jew ristrett fl-UE;

***Il-ħidma flimkien mas-settur tas-sajd***

47. Jappoġġja l-isforzi kontinwi tas-settur tas-sajd biex itejjeb is-selettività tat-tekniki tas-sajd u jnaqqas l-impatt ambjentali tiegħu; jenfasizza l-eżempji pożittivi ta' restawr tal-istokkijiet tal-ispeċijiet f'żoni protetti filwaqt li jinżammu l-attivitajiet tas-sajd; jappoġġja aktar sforzi biex tingħata spinta lill-arranġamenti ta' koġestjoni fejn il-partijiet interessati lokali jerfgħu r-responsabbiltà għall-ġestjoni sostenibbli u jinvestu aktar fir-riċerka, l-innovazzjoni u l-iżvilupp ta' rkaptu u tekniki ġodda tas-sajd; jenfasizza r-rwol tas-sajjieda bħala "gwardjani tal-baħar", l-impenn tagħhom li jirrestawraw l-istokkijiet tal-ħut u l-kontribut tagħhom għall-irkupru tal-ekosistemi tal-baħar;
  48. Jinnota li, skont il-Kummissjoni, sar progress tanġibbli lejn sajd aktar sostenibbli fuq il-post matul l-aħħar deċennji bis-saħħa tal-PKS; jenfasizza, madankollu, li dan l-irkupru rriżulta għoli għall-biċċa l-kbira tal-komunitajiet tas-sajd;
  49. Jenfasizza l-importanza li jiġu inklużi l-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, mis-sajjieda għar-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili, fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet u fl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet li jikkontribwixxu għall-protezzjoni u r-restawr tal-ekosistemi tal-baħar, u li jistgħu jappoġġjaw sajd sostenibbli u reżiljenti;
  50. Jisħaq li għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-emanċipazzjoni tan-nisa fid-dawl tar-rwol kruċjali tan-nisa u ż-żgħażaġh, speċjalment fl-ekonomija sostenibbli bbażata fuq l-oċeani u ż-żoni ta' konservazzjoni tal-baħar;
- o
- o      o
51. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.



## NOTA SPJEGATTIVA

Fil-fatt, 70 % tal-frott tal-baħar ikkonsmat fl-Ewropa jiġi importat. U s-sajjieda Ewropej isegwu wħud mill-aktar regoli stretti fid-dinja li jirregolaw l-attivitajiet tagħhom fil-kategoriji u fl-attivitajiet kollha tas-sajd, li jagħtuhom kemm rwol eżemplari u, fuq kollox, ir-rwol ta' garanti tal-aħjar prattiki tas-sajd.

Il-koleġiżlaturi Ewropej, u għalhekk il-Parlament Ewropew, jeħtiġilhom jkunu l-garanti tal-bilanċ fit-trasformazzjoni meħtieġa ta' ċerti prattiki prinċipalment minħabba t-tibdil fil-klima, iżda wkoll minħabba varjetà ta' fatturi ftit jew wisq prevedibbli: speċijiet ta' ħsara, stokkijiet li qed jonqsu, iżda wkoll bis-saħħa ta' data mtejbja dwar l-oċeani.

Azzjoni ma tfissirx projbizzjoni. Azzjoni ma tfissirx rivoluzzjoni. L-azzjoni ma għandhiex tfisser l-impożizzjoni ta' ideat u programmi politiċi fuq atturi Ewropej mingħajr djalogu, u agħar minn hekk, għad-detriment tagħhom.

Huwa inkoerenti u inkwetanti li wieħed jinnota l-paraliżi tal-Kummissjoni Ewropea fid-djalogu mas-sajjieda filwaqt li tirrakkomanda l-azzjoni! L-ebda azzjoni mhi se tittieħed mingħajr il-gwardjani tar-relazzjoni bejn il-bniedem u l-oċeani, jiġifieri s-sajjieda lokali u s-sajd artiġjanali fuq skala żgħira.

Hemm ħafna theddidiet serji għall-oċeani: it-tniġġis, it-tiħin tal-oċeani, il-plastik u t-tibdil fil-klima u l-effetti tagħhom huma viżibbli daqshom: iż-żieda fl-ewtrofikazzjoni, l-aċidifikazzjoni, it-tiħin tal-oċeani, it-tniġġis tal-plastik jew f'xi każijiet żieda mhux ikkontrollata ta' għasafar predatorji. Iżda fejn l-istituzzjonijiet Ewropej aġixxew f'konsultazzjoni mill-qrib mal-industrija tas-sajd u mas-sajjieda, il-progress u l-aħbarijiet pożittivi qed jakkumulaw. Pereżempju, hemm titjib sinifikanti fl-istat tal-istokkijiet tal-ħut fl-ibħra tal-UE u ħafna operazzjonijiet b'sostenibbiltà ċċertifikata fis-sajd tagħhom. F'dawn l-aħħar 20 sena, il-bijomassa tal-ħut fl-Atlantiku tal-Grigal żdiedet b'mod sinifikanti u, skont l-aħħar rapport mill-STEFCF (STEFCF 22-01 ) fl-2020, kienet madwar 35 % oġħla minn dik fl-2003. Fl-istess ħin, il-mortalità mis-sajd naqset b'mod sinifikanti, u l-għadd ta' stokkijiet mistada b'mod eċċessiv qed jonqos ukoll.

Il-komunikazzjoni kaotika u s-sitwazzjoni interna mħawda fir-rigward tal-pjan ta' azzjoni tal-Kummissjoni Ewropea sfortunatament kellhom rwol importanti fit-trasformazzjoni tiegħu fi pjan tal-aħħar opportunità li jelimina l-prattika tajba attwali, il-kwistjonijiet soċjoekonomiċi u l-pożizzjonijiet tal-industrija tas-sajd, u li jkollu konsegwenzi repressivi għall-Istati Membri quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. It-terminu li jmiss tal-Kummissjoni Ewropea għandu jevita dan it-tip ta' xkiel u kwistjoni importanti daqs l-oċeani ma għandhiex tkun loġħa politika. Il-pjanijiet ta' azzjoni għandhom jinbnew fuq is-suċċessi u l-fallimenti, fuq is-sagrifiċċji u l-isforzi li jsiru mill-industrija tas-sajd Ewropea. L-għan tal-pjanijiet ta' azzjoni ma jridx ikun li s-sajd Ewropew jiġi sostitwit bl-importazzjonijiet, wisq inqas mill-bidu tal-gwerra fl-Ukrajna, li fetħet għajnejn l-Ewropej u fuq kollox tad-dinja għall-ħtieġa li jiġu żgurati l-awtonomija strateġika u s-sigurtà tal-ikel bl-istess mod bħall-agrikoltura.

Fl-aħħar nett, u dan huwa punt ewlieni ieħor: jeħtieġ li nkunu nafu dwar fuq xiex qed nitkellmu. Ejjew niddependu wkoll fuq riċerka xjentifika li, flimkien mal-attivitajiet tas-sajd,

diġà qed tgħin biex il-politika Ewropea tas-sajd issir politika eżemplari bbażata fuq ix-xjenza u r-realtà. Xi drabi jkun hemm nuqqas ta' razzjonalità fid-dibattiti u fil-pożizzjonijiet, fejn xi nies iridu jipprojbixxu aktar milli jifhmu li huwa perfettament possibbli li tiġi limitata jew organizzata l-koabitazzjoni tal-attivitajiet tal-bniedem u l-protezzjoni tal-oċeani. Il-projbizzjoni ta' ċerti attivitajiet li huma rregolati tajjeb fil-livell Ewropew spiss tippermetti li jiġu awtorizzati Prattiki ħżiena barra mill-Ewropa.

Pereżempju matul proġett ta' riċerka ta' erba' snin, l-impatt tas-sajd għall-gambli tar-ramel fuq it-tipi ta' habitats predominanti fil-Parks Nazzjonali tal-Baħar Wadden tul il-kosta Ġermaniża tal-Baħar tat-Tramuntana ġie eżaminat mill-qrib. Dan kien jinkludi investigazzjoni kemm dwar l-effetti fuq perjodu ta' żmien qasir kif ukoll dwar il-bidliet fit-tul ikkawżati mis-sajd għall-gambli tar-ramel. Ir-riżultat: is-sajd għall-gambli tar-ramel għandu biss impatt żgħir fuq qiegħ il-baħar. Meta kien hemm effetti fil-livell tal-ispeċijiet, dawn l-effetti kienu biss għal żmien qasir. Madankollu, dawn ir-riżultati mhumiex ġodda. Meta ġew stabbiliti ż-żewġ parks nazzjonali fuq il-kosta Ġermaniża tal-Baħar tat-Tramuntana, kien sar studju komprensiv dwar l-influwenza tas-sajd għall-gambli tar-ramel imsejjaħ ir-Riċerka dwar l-Ekosistema tal-Baħar Wadden. Fir-rapport finali, dak iż-żmien, l-awturi kkonkludew li l-effetti diretti tas-sajd għall-gambli tar-ramel idumu biss żmien qasir.

Bħala konklużjoni, il-MPAs għandhom objettivi ta' konservazzjoni differenti. Dawn jiġu stabbiliti biex jiproteġu r-riżorsi naturali bħall-mammiferi, l-għasafar, jew il-fkieren tal-baħar, spiss mhux speċifikament għall-protezzjoni ta' qiegħ il-baħar. Il-miżuri ta' ġestjoni huma adattati għall-kundizzjonijiet lokali rispettivi.

Għalhekk, il-pjan ta' azzjoni għandu jsegwi approċċ trasversali u olistiku u ma jiffokax biss fuq l-attivitajiet tas-sajd bħala l-uniku qasam responsabbli għall-problemi kollha.

## POŻIZZJONI TAL-MINORANZA

skont l-Artikolu 55(4) tar-Regoli ta' Proċedura  
Francisco Guerreiro

Ir-rapport propost jonqos milli jagħti stampa komprensiva tad-diversità tal-miżuri proposti mill-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni Ewropea.

Il-Pjan ta' Azzjoni dwar l-ekosistemi tal-baħar jipprevedi prinċipalment implimentazzjoni aħjar tal-leġiżlazzjoni eżistenti fil-qasam tas-sajd u l-ambjent biex jiġi indirizzat it-telf tal-biodiversità tal-baħar u l-konsegwenzi tiegħu għas-sajjieda u għas-soċjetà kollha kemm hi.

Huwa importanti li tiġi rikonoxxuta l-evidenza xjentifika dwar l-impatti ta' ċerti tekniki tas-sajd bħat-tkarkir tal-qiegħ fuq l-ekosistemi ta' qiegħ il-baħar u l-qabdiet inċidentali kif ukoll l-evidenza dwar il-benefiċċji ambjentali u soċjoekonomiċi ta' Żoni Protetti tal-Baħar protetti b'mod effettiv, li ġiet infakkra diversi drabi mill-Parlament Ewropew.

Għax-shadow rapporteur tagħna, il-pjan direzzjonali mhux vinkolanti propost mill-Kummissjoni huwa okkażjoni biex tinbeda diskussjoni mal-Istati Membri u mal-partijiet ikkonċernati dwar tranżizzjoni ġusta u ppjanata sew lejn sajd b'impatt baxx li jeħtieġ li jkun akkumpanjat minn finanzjament pubbliku, inċentivi (bħal dawk previsti fl-Artikolu 17 tal-PKS) u viżibbiltà ċara fuq terminu qasir, medju sa twil. Din hija opportunità mitlufa għall-Parlament Ewropew.

**ANNEX: ENTITAJIET JEW PERSUNI  
LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM**

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur jiddikjara li rċieva kontribut mill-entitajiet jew il-persuni li ġejjin fit-tnejn tar-rapport, sal-adozzjoni tiegħu fil-kumitat:

<b>Entità u/jew persuna</b>
WWF, Florian Martinez-Buathier, Louis Lambrechts, Uffiċjali tal-Politika dwar is-Sajd fid-WWF
CNC, Comité national de la conchyliculture
EAA, European Anglers Alliance, European Fishing Tackle Trade Association (Alleanza Ewropea tal-Anglers, Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ tas-Sajd bil-Lenza
CPMR, Konferenza tar-Reġjuni Periferiċi Marittimi tal-Ewropa
Europêche, Daniel Voces de Onáindi

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur.

27.10.2023

## OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP

għall-Kumitat għas-Sajd

Pjan ta' Azzjoni tal-UE: il-protezzjoni u r-restawr tal-ekosistemi tal-baħar għal settur tas-sajd sostenibbli u reżiljenti (2023/2124(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Catherine Chabaud

### SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp jistieden lill-Kumitat għas-Sajd, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal risoluzzjoni tiegħu:

- A. billi l-pjan ta' azzjoni tal-UE jsemmi tekniki tas-sajd li huma ta' ħsara għall-ekosistemi ta' qiegħ il-baħar, iżda ma jsemmix speċifikament tekniki oħra ta' sajd distruttivi, bħal tagħmir li jaggrega l-ħut, li jikkontribwixxu għas-sajd eċċessiv tal-ispeċi tat-tonn u t-niġġis tal-plastik fl-oċeani, u jagħmlu ħsara lill-ekosistemi tal-baħar fl-ilmijiet tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw;
- B. billi bosta speċi ta' tonn tropikali huma soġġetti għal sajd eċċessiv fl-Oċean Indjan, b'mod partikolari t-tonn isfar, li jeħtieġ b'mod urġenti li jitnaqqas il-qbid tiegħu;
- C. billi l-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agricoltura enfasizzat li s-sajd eċċessiv ta' pelaġiċi żgħar u l-iżvilupp ta' fabbriki taż-żejt tal-ħut u tal-fracass tal-fdal tal-ħut fl-Afrika tal-Punent huma ta' theddida għas-sigurtà tal-ikel fil-pajjiżi kostali tal-Afrika tal-Punent;
  1. Ifakkar fl-importanza vitali tal-oċeani bħala pilastru tas-sistemi tal-klima u tal-ikel, peress li dawn ikopru 71 % tal-wiċċ tad-dinja, jipproduċu nofs l-ossiġenu tagħna u jassorbu terz tal-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub>; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu żviluppati approċċi ta' politika u ta' finanzjament għall-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tal-oċeani; jappella għall-preservazzjoni globali tal-għajxien ibbażat fuq l-oċeani u tal-bijodiversità tal-oċeani; jisħaq fuq ir-rwol kritiku tal-oċeani, b'mod partikolari fis-sekwestru tal-karbonju, l-iżvilupp ta' enerġija rinnovabbli, il-ħolqien tal-impjiegi, it-tnaqqis tal-faqar, it-trasport tal-merkanzija u l-komunikazzjoni bl-internet; iwissi dwar l-interdipendenza bejn is-sajd u s-sigurtà tal-ikel, peress li 3,3 biljun ruħ jiddependu fuq l-ikel mill-baħar biex jiksbu mill-inqas 20 % tal-konsum tagħhom ta' proteini mill-animali;
  2. Jisħaq fuq ir-responsabbiltà individwali u kollettiva tagħna li nippreservaw l-oċeani, li huma beni komuni globali, kif ukoll l-ibħra u r-riżorsi tal-baħar, u li niksbu l-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli 14; jitlob lill-UE biex tagħxi bħala mexxej fil-ħarsien u r-restawr tal-ekosistemi tal-baħar u biex tifformula politiki relatati li jirriflettu sistematikament viżjoni globali; jisħaq li l-ġestjoni soda u sostenibbli tal-ekosistemi tal-baħar teħtieġ l-

adozzjoni ta' approċċ globali, ibbażat fuq l-ekosistemi u qafas legali ċar li jinvolvi lis-setturi u lill-partijiet ikkonċernati kollha fl-ekonomija blu; jiddispijaċih għall-fatt li l-politiki pubbliċi Ewropej dwar l-ekonomija blu huma nieqsa minn koordinazzjoni u allinjament u bħalissa huma ġestiti b'mod kompartmentalizzat għad-detriment tal-partijiet ikkonċernati li għalhekk jitqiegħdu f'kompetizzjoni ma' xulxin; jissottolinja l-ħtieġa li jiġi evitat u mnaqqas b'mod sinifikanti t-tniġġis marittimu ta' kull xorta, speċjalment minn attivitajiet ibbażati fuq l-art; jitlob kooperazzjoni aktar mill-qrib biex tittejjeb il-ġestjoni tal-iskart u tal-ilma mormi u biex jiġi miġġieled b'mod urġenti t-tniġġis mill-plastik billi jitnaqqas l-użu ta' dan il-materjal u jiżdiedu r-rati ta' riċiklaġġ; jilqa' l-approċċ tal-Kummissjoni għal ekonomija blu sostenibbli u l-istrateġija tagħha biex timplimenta l-approċċ ibbażat fuq l-ekosistema għall-ġestjoni tas-sajd taħt il-politika komuni tas-sajd; jistieden lill-Kummissjoni tirrevedi l-istrateġija biex testendi dan l-approċċ ibbażat fuq l-ekosistema lil hinn mill-ġestjoni tas-sajd għas-setturi kollha tal-ekonomija blu, inklużi l-enerġija rinnovabbli u l-industrija estrattivi, bħala parti minn qafas legali u strateġiku ġenerali;

3. Jenfasizza l-importanza li l-UE taħdem mal-pajjiżi li qed jiżviluppaw, b'mod partikolari l-pajjiżi fl-Afrika, il-Karibew u l-Oċean Paċifiku, biex tipprepara għall-iżvilupp futur tal-enerġija rinnovabbli tal-baħar billi taqsam il-kompetenza tal-UE fl-ippjanar tal-baħar u l-iżvilupp industrijali; jistieden lill-UE żżid il-bini tal-kapaċità u l-finanzjament għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw biex tittejjeb il-ġestjoni tal-oċeani u tal-kosta, l-iżvilupp ta' strateġiji tal-ekonomija tal-oċeani, it-tnaqqis tal-lakuni fil-governanza u l-indirizzar tas-sajd illegali, mhux irrapportat u mhux irregolat u l-kummerċ illeċitu fir-riżorsi tal-baħar; jissottolinja l-importanza li jiġu ppreżentati risponsi li jissodisfaw il-ħtiġijiet lokali għal enerġija b'emissjonijiet żero, li jiżguraw li l-ekosistemi tal-baħar ikunu protetti u li jippreservaw attivitajiet tradizzjonali bħas-sajd; jisħaq fuq l-importanza li jiġu involuti l-komunitajiet kostali fl-implimentazzjoni ta' dawn l-azzjonijiet; jenfasizza wkoll l-importanza li jiġu appoġġati Prattiki tas-sajd sostenibbli fir-reġjuni ultraperiferiċi, ibbażati fuq l-użu sostenibbli tar-riżorsi tal-baħar u l-ġestjoni tas-sajd, l-akkwakultura u t-turiżmu, bħala mod biex jiġi żgurat l-iżvilupp soċjoekonomiku fit-tul ta' dawn ir-reġjuni;
4. Ifakkar li l-isfruttament intensiv dinji tar-riżorsi naturali kien wieħed mill-kawżi ewlenin tat-telf tal-bijodiversità tal-baħar f'dawn l-aħħar 40 sena, flimkien ma' oħrajn bħat-tniġġis, it-tibdil fil-klima u l-aċidifikazzjoni tal-oċeani; jisħaq li trid tittieħed azzjoni immedjata fil-ġlieda kontra s-sajd eċċessiv u s-sajd illegali, mhux irrapportat u mhux irregolat, minħabba l-impatti negattivi tagħhom fuq il-komunitajiet kostali; jistieden lill-pajjiżi kollha jissodisfaw bis-sħiħ l-obbligi tagħhom u jtemmu s-sajd eċċessiv u l-prattiki distruttivi li jheddu s-sopravivenza ta' speċi sħaħ; jemmen li l-limitazzjoni tal-qabdiet b'mod sinifikanti u l-waqfien sħiħ tal-qabdiet ta' speċijiet li huma l-aktar f'riskju huma meħtieġa biex tiġi ppreservata l-bijodiversità; jiddispijaċih għall-fatt li, minkejja l-leġiżlazzjoni fis-seħħ, il-prattiki tas-sajd żejjed ikomplu, u li ċerti pajjiżi ma japplikawx il-limiti imposti mir-regolamenti internazzjonali; jisħaq li s-settur tal-akkwakultura intensiva huwa dipendenti ħafna fuq il-fracass tal-fdal tal-ħut u ż-żejt tal-ħut minn pajjiżi li qed jiżviluppaw u, għalhekk, ma jistax jitqies bħala soluzzjoni għas-sajd eċċessiv; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jiżviluppaw akkwakultura sostenibbli billi jnaqqsu d-dipendenza tal-industrija tal-UE fuq il-fracass tal-fdal tal-ħut;

5. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar id-deċiżjoni tal-Gvern Ġappuniż li jirrilaxxa ilma radjuattiv fl-oċeani; jistieden lill-UE teżerċita pressjoni fuq l-istituzzjonijiet internazzjonali biex jimmonitorjaw l-impatt reali tagħha fuq l-oċeani, u tistieden lill-Gvern Ġappuniż biex ifittex alternattivi u jwettaq valutazzjoni komprensiva tal-impatt ambjentali, kif meħtiegħ mill-obbligi legali internazzjonali tiegħu;
6. Jitlob lill-UE tappoġġa l-ħolqien ta' żoni nazzjonali ta' esklużjoni mal-kosta riżervati għal sajjieda lokali u artiġjanali f'pajjiżi sħab sabiex jiġu protetti r-riżorsi tas-sajd u l-għajxien tal-komunitajiet kostali mill-impatti tan-numru dejjem jikber ta' bastimenti industrijali ta' bandiera barranija u ta' proprjetà barranija;
7. Ifakkar li l-pjan ta' azzjoni jrid iqis l-ispeċifitàjiet nazzjonali, reġjonali u lokali fl-implimentazzjoni konkreta tiegħu, li jenħtiegħ li jinvolvi wkoll lis-soċjetà ċivili fi proċessi ta' ħolqien konġunt għal mudelli u soluzzjonijiet ta' negozju sostenibbli; jilqa' pożittivament ir-rwol tal-konvenzjonijiet marittimi reġjonali u tal-organizzazzjonijiet reġjonali dwar il-ġestjoni tas-sajd; jistieden lill-Kummissjoni tressaq mandati ambizzjużi għall-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd li huma allinjati mal-prinċipji soċjali, ekonomiċi u ambjentali fil-politika komuni tas-sajd sabiex jiġu protetti r-riżorsi tas-sajd fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw u fl-ilmijiet internazzjonali, b'mod partikolari billi tittejjeb il-ġestjoni tal-istokk għal speċi bħat-tonn tropikali, u biex jittejjbu d-data disponibbli, il-konformità u t-trasparenza tat-teħid tad-deċiżjonijiet; jisħaq fuq l-ħtieġa li l-protezzjoni u r-restawr tal-ekosistemi tal-baħar jiġu bbażati fuq l-aħjar data xjentifika disponibbli;
8. Ifakkar li l-protezzjoni u r-restawr tal-ekosistemi tal-baħar jirrikjedu governanza globali tal-oċeani strateġika u ambizzjuża li tkun ta' benefiċċju għas-sajd lokali fuq skala żgħira u bbażata fuq prattiki tas-sajd sostenibbli f'kollaborazzjoni mal-komunitajiet kostali; jinsisti fuq l-importanza li titħeġġeġ id-dekarbonizzazzjoni tal-bastimenti tas-sajd u, b'mod aktar ġenerali, li jiġi żgurat appoġġ adegwat tal-UE għall-iżvilupp sostenibbli tas-settur tas-sajd, notevolment permezz tal-ftehimiet ta' sħubija tiegħu, filwaqt li jiġu protetti u meġhuna wkoll il-komunitajiet tas-sajd matul din it-tranżizzjoni; jenfasizza r-rabta bejn ekosistemi b'saħħithom u l-iżvilupp ekonomiku u jistieden lill-UE tiżgura li l-klawżoli ta' trasparenza u non-diskriminazzjoni tal-ftehimiet ta' sħubija tas-sajd sostenibbli jiġu implimentati bis-sħiħ u japplikaw ukoll għar-riżorsi tas-sajd maqbuda minn flotot barranin; ifakkar li l-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, inklużi r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili u l-komunitajiet tas-sajd fuq skala żgħira, jenħtiegħ li jiġu kkonsultati, informati u involuti kemm waqt in-negozjati ta' ftehimiet ta' sħubija dwar is-sajd sostenibbli kif ukoll fl-implimentazzjoni tagħhom; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu żviluppati teknoloġiji ġodda biex jitbiegħdu minn sajd b'użu intensiv tal-karbonju, ta' volum għoli u b'impatt għoli għal sajd b'livell baxx ta' karbonju u b'impatt baxx, biex jiġi żgurat l-aċċess tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw għal teknoloġiji rilevanti u biex jiġu appoġġati r-riċerka u l-innovazzjoni dwar l-adattament għall-klima tal-oċeani u l-iżvilupp ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli tal-baħar; itenni l-pożizzjonijiet tiegħu dwar ir-Regolament dwar il-Monitoraġġ, ir-Rapportar u l-Verifika<sup>1</sup> u d-Direttiva dwar is-Sistema ta' Skambju ta' Emissjonijiet<sup>2</sup> li huwa meħtiegħ li tittejjeb l-effiċjenza

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE) 2015/757 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 dwar il-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-verifika ta' emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju mit-trasport marittimu, u li jemenda d-Direttiva 2009/16/KE (ĠU L 123, 19.5.2015, p. 55).

<sup>2</sup> Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema



enerġetika tal-vapuri u jiġu appoġġati l-investimenti mmirati biex jgħinu fid-dekarbonizzazzjoni tat-trasport marittimu, inklużi investimenti fil-propulsjoni tar-riħ;

9. Jilqa' l-ambizzjoni ddikjarata fil-pjan ta' azzjoni biex tissaħħaħ il-bażi ta' għarfien għall-ġestjoni tas-sajd u l-protezzjoni tal-ambjent tal-baħar u biex tiżdied ir-riċerka u l-innovazzjoni; jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi assistenza teknika u finanzjarja għall-bini tal-kapaċità fir-riċerka u l-iżvilupp u għat-trasferimenti tal-għarfien mal-pajjiżi li qed jiżviluppaw, f'konformità mal-mira 14.a tal-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli 14; jenfasizza kemm approċċ bħal dan huwa importanti biex l-oċeani jsiru aktar b'saħħithom u biex jiżdiedu l-kontribuzzjonijiet tal-bijodiversità tal-baħar u l-ekonomija blu għall-iżvilupp tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw, speċjalment l-istati ta' gżejjer żgħar li qed jiżviluppaw u l-pajjiżi l-inqas żviluppati;
10. Jirrimarka li l-iżvilupp ta' żoni tal-baħar protetti (MPAs) jipprovdi opportunità biex tiżdied il-kooperazzjoni fost il-partijiet ikkonċernati lokali, is-sajjieda u l-komunitajiet kostali, u biex jinbnew soluzzjonijiet li jqisu ċirkostanzi lokali speċifiċi sabiex tiġi protetta aħjar il-bijodiversità tal-baħar u jiġi ppreservat l-iżvilupp ta' attivitajiet marbuta mal-ekonomija blu; jenfasizza li l-MPAs jenħtieġ li jitfasslu bl-involvement ta' sajjieda fuq skala żgħira u komunitajiet kostali; jistieden lill-pajjiżi sħab jinvolvu dawn il-gruppi f'kull stadju tal-proċess, mid-deżinjazzjoni sal-ġestjoni taż-żoni; jisħaq li l-MPAs jistgħu jikkontribwixxu biex iwasslu benefiċċji għall-ekosistemi tal-baħar u għall-attivitajiet ekonomiċi lokali; ifakkar li żoni ġestiti b'mod effikaċi u protetti biżżejjed jiproteġu l-postijiet fejn ibid il-ħut u t-trobbija tal-ħut u l-frieħ tal-ħut, inaqqsu l-impatti fuq habitats sensitivi u jistgħu jimminimizzaw il-qabdiet inċidentali ta' speċijiet sensitivi; jinnota l-fatt li l-pjan ta' azzjoni jenfasizza l-impatti negattivi tat-tkarkir tal-qiegħ fl-MPAs; jistieden lill-Istati Membri jimplementaw miżuri konkreti biex jiksbu objettivi ta' konservazzjoni u restawr speċifiċi għal kull MPA, ibda miż-żoni l-aktar mhedda, u jtaffu l-effetti tat-tkarkir tal-qiegħ fuq l-ekosistemi ta' qiegħ il-baħar; jisħaq li viżibbiltà fit-tul u appoġġ finanzjarju huma meħtieġa biex tiġi żgurata tranżizzjoni ġusta li ma tħalli l-ebda sajjied lura; iqis li l-istess objettivi jenħtieġ li jiġu difiżi fil-livell internazzjonali; ifakkar li l-mira 3 tal-Qafas Globali tal-Bijodiversità ta' Kunming-Montreal issemmi li l-attività fi ħdan iż-żoni protetti trid tkun kompletament konsistenti mal-objettivi ta' konservazzjoni; jistieden lill-UE, f'dan ir-rigward, biex tikkapitalizza fuq il-potenzjal u l-benefiċċji tal-MPAs billi tappoġġa l-istabbiliment ta' network globali ta' MPAs jew "Ċinturin Blu", b'mod partikolari billi tgħaqqad in-networks tal-manigiers tal-MPAs, bil-ħsieb li jitrawwem l-iżvilupp ta' arranġamenti ġodda ta' kooperazzjoni u ta' qsim ta' soluzzjonijiet bejn l-UE u l-pajjiżi sħab tagħha; jinnota li, sabiex tinbena l-kooperazzjoni meħtieġa biex jinħoloq dan iċ-“Ċinturin Blu” globali, l-UE tista' tiffoka b'mod partikolari fuq ir-reġjuni ultraperiferiċi u l-pajjiżi u t-territorji barranin fl-Oċean Indjan, l-Oċean Paċifiku, il-Karibew u l-Oċean Atlantiku; itenni l-appoġġ tiegħu għall-projbizzjoni tal-attivitajiet industrijali estrattivi kollha li jagħmlu ħsara lill-ambjent, bħall-estrazzjoni tal-minjieri u l-fjuwils fossili, f'MPAs u tekniki ta' sajd industrijali ta' ħsara, f'konformità mal-linji gwida mill-Unjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tan-Natura;

---

għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32).



11. Jenfasizza li t-tranżizzjoni tal-enerġija hija pass importanti u essenzjali li jrid jintlaħaq; madankollu, jirrimarka li s-sostituzzjoni tal-fjuwils fossili hija sfida formidabbli, speċjalment minħabba n-nuqqas ta' żvilupp fir-rigward ta' teknoloġiji xierqa li jistgħu jintużaw fis-settur tas-sajd; jirrimarka li s-sajd lokali fuq skala żgħira jeħtieġ li jiġi protett matul il-proċess ta' tranżizzjoni, peress li din se tkun sfida kbira għalihom;
12. Jitlob lill-UE tippromwovi t-trasparenza fis-sajd u industriji estrattivi oħra fuq il-baħar fil-pajjiżi sħab, peress li din hija essenzjali biex jitwaqqaf is-sajd eċċessiv, it-telf tal-bijodiversità u l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem; jisħaq li l-pajjiżi kostali li qed jiżviluppaw jistgħu jimplimentaw l-istandards deskritti fl-Inizjattiva għat-Trasparenza tas-Sajd u l-Inizjattiva għat-Trasparenza tal-Industriji Estrattivi biex tittejjeb it-trasparenza;
13. Jitlob lill-UE tistinka biex tinforza regolamenti internazzjonali li jillimitaw il-bnadar ta' konvenjenza u r-reġistrazzjoni mill-ġdid tal-bandiera u tiegħu t-tmexxija tal-indirizzar tat-trasbord fuq il-baħar u t-tiġib tal-ispezzjonijiet fil-portijiet, peress li dawn huma modi sinifikanti biex jingħalqu lakuni tas-sajd illegali, mhux irrapportat u mhux irregolat; ihegġegħ lill-Kummissjoni biex tiżgura li l-Istati Membri jikkonformaw mar-regoli ta' monitoraġġ u kontroll dwar is-sajd fir-rigward tal-flotot tas-sajd esterni tagħhom;
14. Itenni l-impenji tal-Qafas Globali tal-Bijodiversità ta' Kunming-Montreal u l-oġjettiv tal-istrateġija tal-bijodiversità tal-UE li jipproteġu mill-inqas 30 % taż-żoni tal-baħar tal-UE u jipproteġu b'mod strett mill-inqas 10 % taż-żoni tal-baħar tal-UE sal-2030; jistieden lill-UE tippromovi dan l-oġjettiv fil-livell internazzjonali, b'enfasi fuq salvagwardji b'saħħithom biex jiġu żgurati d-drittijiet tal-popli indiġeni, tal-komunitajiet lokali u tas-sajjieda fuq skala żgħira; ifakkar fl-impenn tal-UE għall-prinċipju tal-koerenza tal-politika għall-iżvilupp u għall-allinjament ta' politiki differenti tal-UE, kemm interni kif ukoll esterni, biex tiġi evitata governanza kompartmentalizzata; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu inklużi klawżoli komprensivi dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt fil-ftehimiet ta' sħubija dwar is-sajd sostenibbli, li għandhom ikomplu jkunu trasparenti u konformi mal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli; jinsisti li l-konsum tal-proteini tal-UE ma għandux idgħajjef is-sigurtà tal-ikel fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, li jenħtieġ li tingħata prijorità lis-sajd għall-konsum dirett mill-bniedem u li l-appoġġ settorjali jenħtieġ li jikkontribwixxi għall-iżvilupp sostenibbli u l-ġestjoni tas-settur tas-sajd u l-komunitajiet kostali fil-pajjiżi sħab, notevolment sajjieda fuq skala żgħira; jissottolinja li l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni trid tippromovi u tinkoraġġixxi t-taħriġ tas-sajjieda;
15. Jisħaq fuq l-importanza tas-settur tal-ħut u tas-sajjieda fuq skala żgħira għaż-żoni kostali fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw; ifakkar fir-responsabbiltà tal-UE li tippoteġi u tappoġġa dawn is-setturi fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw sabiex jiġi limitat l-isfruttament tal-istokk tal-ħut u jintemm is-sajd eċċessiv; jissottolinja li l-prattiki tas-sajd illegali, inkluż minn bastimenti Ewropej, iridu jitwaqqfu;
16. Jappella għal miżuri obligatorji ta' diliġenza dovuta biex jiġi żgurat li l-katina kollha tal-provvista tas-sajd, inklużi l-katini tal-provvista tal-ġhalf tal-annimali, tkun ġusta, kompletament traċċabbli u ħielsa minn sajd u produzzjoni illegali marbuta mat-traffikar tal-bnedmin jew l-iskjavitù;

17. Jilqa' l-objettiv li tiġi protetta 30 % tal-pjaneta, iżda jwissi li dan ma għandux isir għad-detriment tal-popli indiġeni u l-komunitajiet lokali, li d-drittijiet tagħhom ta' pussess, aċċess u riżorsi fir-rigward tal-oċeani jenħtieġ li jiġu protetti, kif inkorporat fil-Linji Gwida Volontarji tal-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agricoltura dwar il-Governanza Responsabbli għaż-Żamma ta' Art, is-Sajd u l-Foresti fil-Kuntest tas-Sigurtà Nazzjonali tal-Ikel u għall-Iżgurar tas-Sajd Sostenibbli fuq Skala Żgħira fil-Kuntest tas-Sigurtà tal-Ikel u l-Qerda tal-Faqar, u fid-Dikjarazzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Popli Indiġeni; jisħaq li l-azzjonijiet li jikkonċernaw il-popli indiġeni u l-komunitajiet lokali jistgħu jseħħu biss b'kunsens ħieles, minn qabel u informat, kif stabbilit fil-Konvenzjoni Nru 169 tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol; għal dan il-għan, jappella għall-ħolqien ta' salvagwardji robusti tad-drittijiet tal-bniedem u mekkaniżmu ta' responsabbiltà u lmentar;
18. Iħeġġeġ il-mobilizzazzjoni ta' biżżejjed fondi biex itaffu l-impatti negattivi tat-tibdil fil-klima u l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna fuq il-komunitajiet tas-sajd; huwa mħasseb dwar l-ammont limitat ta' baġit tal-UE allokat għall-protezzjoni u r-restawr tal-ekosistemi tal-baħar; f'dan ir-rigward, jiddeplora n-nuqqas ta' monitoraġġ tal-implimentazzjoni u tal-użu korrett tal-finanzjament; jisħaq li għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-emanċipazzjoni tan-nisa fid-dawl tar-rwol kruċjali tan-nisa u ż-żgħażaġh, speċjalment fl-ekonomija sostenibbli bbażata fuq l-oċeani u ż-żoni ta' konservazzjoni tal-baħar;
19. Jisħaq li l-finanzjament tal-klima lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw jenħtieġ li jintuża biex jirrestawraw u jipproteġu l-ekosistemi tal-baħar, li huma elementi essenzjali għall-mitigazzjoni u l-adattament tal-klima;
20. Jistieden lill-UE tipprovdi appoġġ finanzjarju u assistenza teknika lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw biex tgħinhom fl-implimentazzjoni tal-Qafas Globali tal-Bijodiversità ta' Kunming-Montreal u t-Trattat tan-NU dwar l-Ibħra Miftuħa;
21. Jilqa' l-Ftehim tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ dwar is-Sussidji tas-Sajd, li jimmarka pass kbir 'il quddiem għas-sostenibbiltà tal-oċeani billi jipprojbixxi s-sussidji ta' sajd dannuż għal sajd immirat lejn riżorsi b'sajd eċċessiv u responsabbli għal sajd illegali, mhux irrapportat u mhux irregolat; jitlob, bħala l-pass li jmiss, li jiġu indirizzati sussidji ugwalment dannużi li jħeġġu l-kapaċità żejda, peress li dawn iwasslu għal tnaqqis fl-oċeani madwar id-dinja kollha.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

<b>Data tal-adozzjoni</b>	24.10.2023
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 16 -: 0 0: 1
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Barry Andrews, Dominique Bilde, Catherine Chabaud, Antoni Comín i Oliveres, Pierrette Herzberger-Fofana, György Hölvényi, Rasa Juknevičienė, Beata Kempa, Karsten Lucke, Eleni Stavrou, Tomas Tobé, Miguel Urbán Crespo
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Ilan De Basso, Marlene Mortler, Caroline Roose, Carlos Zorrinho
<b>Sostituti skont l-Artikolu 209(7) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Karolin Braunsberger-Reinhold

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

16	+
ID	Dominique Bilde
NI	Antoni Comín i Oliveres
PPE	Karolin Braunsberger-Reinhold, György Hölvényi, Rasa Juknevičienė, Marlene Mortler, Eleni Stavrou, Tomas Tobé
Renew	Barry Andrews, Catherine Chabaud
S&D	Ilan De Basso, Karsten Lucke, Carlos Zorrinho
The Left	Miguel Urbán Crespo
Verts/ALE	Pierrette Herzberger-Fofana, Caroline Roose

0	-
-	-

1	0
ECR	Beata Kempa

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI  
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

<b>Data tal-adozzjoni</b>	7.12.2023
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 20 -: 4 0: 0
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Clara Aguilera, João Albuquerque, Pietro Bartolo, François-Xavier Bellamy, Izaskun Bilbao Barandica, Maria da Graça Carvalho, Asger Christensen, Francisco Guerreiro, Niclas Herbst, Jan Huitema, Ladislav Ilčić, France Jamet, Pierre Karleskind, Predrag Fred Matić, Francisco José Millán Mon, Ana Miranda, Bert-Jan Ruissen
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Nicolás González Casares, Colm Markey, Gabriel Mato, Lucia Vuolo
<b>Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Margrete Auken, Malte Gallée, Petros Kokkalis

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET  
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

<b>20</b>	<b>+</b>
ECR	Ladislav Ilčić, Bert-Jan Ruissen
ID	France Jamet
PPE	François-Xavier Bellamy, Maria da Graça Carvalho, Niclas Herbst, Colm Markey, Gabriel Mato, Francisco José Millán Mon, Lucia Vuolo
Renew	Izaskun Bilbao Barandica, Asger Christensen, Jan Huitema, Pierre Karleskind
S&D	Clara Aguilera, João Albuquerque, Pietro Bartolo, Nicolás González Casares, Predrag Fred Matić
Verts/ALE	Ana Miranda

<b>4</b>	<b>-</b>
The Left	Petros Kokkalis
Verts/ALE	Margrete Auken, Malte Gallée, Francisco Guerreiro

<b>0</b>	<b>0</b>

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni